**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 067/2023**

**ON ('l-Ilmentatur')**

**vs**

**HSBC Bank Malta plc**

**Reg. C 3177**

**('il-Provditur tas-Servizz' jew HSBC)**

**Seduta tal-5 ta' Jannar 2024**

**L-Arbitru,**

**L-Ilment**

**Ra l-ilment[1] datat 22 ta' Mejju 2023,** fejn l-Ilmentatur issottometta li bhala wiehed mill-ko-eredi tad-defunta ommu, huwa kien ircieva sehemu ta' kwint (wiehed minn hamsa) ta' kont bankarju tad-defunta skont l-ahhar testment taghha.[2]

L-Ilmentatur talab lill-Providitur tas-Servizz informazzjoni dwar il-kont tad-defunta qabel il-mewt taghha peress li kellu suspett li terzi persuni, possibilment ko-eredi ohra, kellhom prokura fuq il-kont tad-defunta matul hajjitha u li seta' kien hemm abbuzi fil-gestjoni tal-kont permezz tal-prokura.[3]

HSBC wiegbu li biex tinghata l-informazzjoni mitluba kien hemm bzonn l-approvazzjoni tal-eredi kollha, jew ta' ordni mill-Qorti.[4]

[1] Pagna (P.) 1 – 7 u dokumenti annessi p. 8 - 26
[2] P. 14
[3] P. 16; 18
[4] P. 21

L-Ilmentatur, permezz tal-avukat tieghu, Dr Kurt Xerri, wiegeb li l-HSBC kien zbaljat u kellu l-obbligu li jaghti l-informazzjoni mitluba mill-Ilmentatur bla htiega tal-kunsens tal-eredi kollha jew wara li tinhareg ordni mill-Qorti f'dan is-sens.[5]

Din it-talba regghet giet michuda mill-Providtur tas-Servizz.[6]

Kien ghalhekk li l-Ilmentatur ressaq l-Ilment quddiem l-Arbitru fejn sostna:

*'L-ilmentatur ihossu ingurjat mill-pozizzjoni tal-Bank provditur minhabba illi, kif spjegat fl-ittra tieghu datata 17 ta' Marzu 2023, appena saret id-divizjoni tal-kont ta' ommu, hu kellu jigi meqjus li sar il-proprjetarju wahdu u dirett tas-sehem tieghu, minghajr ma qatt kellu l-proprjetà tal-beni l-ohra tal-wirt. Ghaldaqstant, mal-mument li saret id-divizjoni bejn l-ahwa huwa ma kellux aktar bzonn il-kunsens ta' hutu sabiex jitlob informazzjoni dwar il-provenjenza ta' sehmu li, skont il-ligi, kien sar tieghu, u tieghu biss, mal-mument li ommu, XXX, giet nieqsa.*

*Maghdud ma' dan, l-ilmentatur ihoss li l-argumenti migjuba mill-Bank provditur sabiex jirrifjuta t-talba tieghu huma kontradittorji. Il-Bank jidher li qed jinsisti li jifred id-doveri tal-kunfidenzjalità u tas-segretezza mill-implikazzjonijiet tad-dritt civili: fir-risposta tieghu l-Bank jistqarr li: "we consider our duty of confidentiality and professional secrecy as not necessarily impacted by the civil law considerations that you mention". L-ilmentatur umilment isostni illi ghall-kuntrarju, id-doveri tal-Bank iridu jigu mifhuma fid-dawl tad-dritt civili, u hija proprju din is-superficjalità min-naha tal-Bank li qieghda twassal ghas-sitwazzjoni perversa li mmaterjalizzat ruhha f'dan il-kaz.*

*Huwa prezunt, fil-fatt, illi d-doveri tal-kunfidenzjalità u s-segretezza min-naha tal-Bank huma dovuti lejn id-defunta XXX. Li kieku dan kien verament il-kaz, il-Bank kien jirrifjuta illi jirrilaxxja kwalunkwe tip ta' informazzjoni rigward il-kont bankarju mizmum minnha. Madanakollu, l-Bank stess stqarr fil-korrispondenza precedenti tieghu datata 3 ta' Marzu 2023, kif anness, illi huwa kien lest jirrilaxxja din l-informazzjoni bil-kunsens tal-eredi kollha ("we need a confirmation from your good self that you have obtained the consent of ALL the heirs"). Dan ir-ragunar ma jsegwix, u dan minhabba l-fatt illi li kieku l-Bank kien verament jiehu dawn id-doveri b'daqshekk serjetà ("really seriously") dan ma kien ikun lest jghaddi tali informazzjoni lil hadd. Minn dan johrog illi d-doveri tal-*

[5] P. 9 -11
[6] P. 12

*kunfidenzjalità u tas-segretezza qieghdin jintuzaw biss bhala skuza dghajjfa sabiex l-ilmentatur jiccahhad mill-access ghal informazzjoni dwar flus li, fl-ahhar mill-ahhar, huma proprjetà tieghu. Certament, il-Bank ma jistax juza d-doveri tal-kunfidenzjalità u tas-segretezza kontra l-proprjetarji tal-assi nfushom, bhal m'hu qed jigri f'dan il-kaz.*

*Minn dan, sfortunatament, tingibed l-inferenza illi d-doveri tal-kunfidenzjalità u tas-segretezza, kif applikati mill-Bank provditur fil-kaz prezenti, qieghdin biss iservu sabiex jokkultaw tali agir suspettuzu, u b'hekk jipprotegu l-interessi ta' min seta' wettaq agir abbuziv. Fil-fatt, filwaqt li min seta' kellu prokura favorih, u li possibilment seta' wkoll abbuza minnha, jinsab fil-pussess tal-informazzjoni kollha, min seta' gie pregudikat qed jigi mcahhad minnha.*

*Dan kollu, ghalhekk, mhux talli jwassal lill-Bank provditur milli, b'mod mill-aktar ingust, jippriva lill-ilmentatur minn informazzjoni rigward proprjetà tieghu, izda talli sahansitra tirrendih komplici ta' min seta' ippregudika l-interessi tad-detentrici tal-kont u tal-eredi l-ohra taghha. Dan jassumi aktar gravità fid-dawl tal-incidenza gholja ta' abbuz finanzjarju fuq nies anzjani li tezisti hawn Malta, hekk kif ammess minn ufficjal gholi tal-istess Bank provditur f'artiklu li qed jigi anness ma' dan l-ilment ("I was quite surprised to find that this Mediterranean island has a problem of what I believe is elderly abuse, where a number of elderly account holders appear to have been the victims of abuse, often by their own family members").*

*Finalment, b'konnessjoni mal-argument precedenti, l-ilmentatur iqis illi l-alternattiva pprezentata mill-Bank illi dettalji dwar il-kont bankarju in kwistjoni jigu rilaxxati biss fuq ordni tal-Qorti hija wahda imprattikabbli. Dan qed jinghad il-ghaliex filwaqt li l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), senjatament l-artikolu 637, jipprospetta l-actio ad exhibendum, jigifieri azzjoni sabiex tintalab l-esebizzjoni ta' dokumenti li jkunu fil-pussess ta' haddiehor, il-gurisprudenza tqis illi din l-azzjoni tista' tintuza biss "ghall-esebizzjoni ta' dokumenti pendente lite u bhala parti minn kawza ohra, u mhux bhala proceduri separati istitwiti biss ghall-iskop tal-produzzjoni ta' dokumenti" (Salv. Bezzina & Sons Limited (C 350) et v. L-Awtorità Marittima ta' Malta, Prim' Awla Qorti Civili, 19 ta' Mejju 2014, Cit. Numru. 1069/2006).*

*Dan ifisser li effettivament, il-Bank provditur qed jitlob lill-ilmentatur sabiex jiftah azzjoni jew kwerela kontra persuni suspettati li wettqu atti rregolari, fl-ghama ta' kwalunkwe prova li tista' tezisti kontra dawn tal-ahhar. Certament, dan ma jistax ikun il-kaz u dan ghaliex ir-raguni titlob li qabel tigi istitwita azzjoni civili kontra l-eredi jew issir kwerela kriminali kontrihom, ghandhom l-ewwel jinkisbu l-provi rigward tali allegati rregolaritajiet u dan anke sabiex jigu evitati proceduri inutli u dispendjuzi kemm ta' zmien u kif ukoll ta' flus. Fid-dawl ta' dan, l-attitudni riluttanti tal-Bank provditur tidher aktar irragonevoli*."[7]

Bhala rimedju, l-Ilmentatur talab lill-Arbitru jordna lil HSBC jaghti l-informazzjoni li kien ga talab u li kienet giet rifjutata fil-mankanza tal-kunsens tal-ko-eredi kollha jew ta' Ordni tal-Qorti.

**Risposta tal-Provditur tas-Servizz**

Permezz ta' risposta datata 12 Gunju 2023,[8] l-HSBC wiegeb (tramite l-avukat Michael Borg Costanzi ta' *MAMO TCV Advocates*) li t-talbiet tal-Ilmentatur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante:

'*Illi fl-ewwel lok, huwa principju accettat illi informazzjoni dwar kont bankarju, f'dan il-kaz il-kont bankarju numru 058161936050 mal-bank esponenti f'isem XXX (XXX aktar 'l isfel imsejha 'id-Decujus' u l-imsemmi kont bankarju aktar 'l isfel imsemmi "l-Kont") huwa kopert bis-sigriet professjonali. Dan johrog kemm mill-prassi bankarja, kif ukoll mill-artikolu 34(2) tal-Att dwar il-Kummerc Bankarju (Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Illi fit-tieni lok, jirrizulta wkoll illi l-imsemmi privilegg tas-sigriet professjonali wara l-mewt tad-Decujus sehh favur il-werrieta taghha.*

*Fis-sentenza tal-Qorti Civili, Prim'Awla tat-28 ta' Frar 2013 fl-ismijiet Christopher Brincat, Lara Scicluna  Karl-Joseph Brincat vs Emanuela Caruana (kopja annessa u mmarkata Dok A), li kienet provvediment moghti ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 wara verbal maghmul mill-avukati tal-atturi waqt is-smigh tat-12 ta' Frar 2013, li bih opponew li tinghata x-xhieda mill-avukat Kenneth Grima, li kien tressaq biex jixhed bhala xhud tal-imharrka, u dan ghaliex l-istess xhud kien marbut bis-sigriet professjonali, liema rabta ma*

[7] P. 4 - 5
[8] P. 32 – 34 u dokumenti annessi 35 - 63

*setghetx tinhall ladarba l-klijent tieghu kien miet; il-Qorti qalet illi "Tqis ghalhekk iz-zamma tal-privilegg mahluq bis-sahha tar-rabta tas-sigriet professjonali fejn il-klijent ikun miet, tinftiehem li ssehh ukoll ghall-beneficcju ta' min jidhol fiz-zarbun legali tieghu".*

*Il-Qorti qalet ukoll illi "Tqis li, fil-kaz tal-lum, l-imharrka hija l-werrieta universali ta' Carmelo Brincat u hi digà stqarret li kienet qieghda tehles lill-avukat tieghu mir-rabta tas-sigriet professjonali".*

*Ta' min jinnota illi l-imharrka kienet l-unika werrieta universali u padruna assoluta ta' Carmelo Brincat.*

*Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Jannar 2019, fl-ismijiet Robert Hornyold-Strickland v. Allied Newspapers Limited u The Strickland Foundation (kopja annessa u mmarkata Dok. B), li kienet tittratta dwar appell imressaq mill-attur Robert Hornyold-Strickland minn provvediment moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Gunju 2017, li bih u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, fost ohrajn, cahdet it-talba tieghu biex jithalla jressaq xi dokumenti minhabba li qalet li huma milquta bis-sigriet professjonali tal-avukat, il-Qorti tal-Appell ikkwotat is-Civil Procedure Rules (The White Book) Para. 31.3.27 (pag. 566) tal-Ingilterra li jghidu illi 'privilege is not lost by the death of the client".*

*Il-Qorti tal-Appell kompliet billi qalet li "Il-Qorti ghalhekk issib li d-dispozizzjoni tal-ligi dwar is-sigriet professjonali tghodd ukoll ghall-werriet tal-klijent tal-avukat. U ghaldaqstant, bhalma klijent jista' jehles lill-avukat tieghu mir-rabta tas-sigriet professjonali, hekk ukoll jista' l-werriet/a tal-klijent.".*

*Fil-kaz taghna, s-sigriet professjonali tal-bank esponenti inizjalment kien favur id-Decujus u mal-mewt tad-Decujus, l-istess privilegg ghadda favur il-werrieta universali u padruni assoluti tad-Decujus, u cioè, l-ilmentatur flimkien ma' XX, XX, XX, XX, XX u XX, u dan permezz tat-testment fl-atti tan-Nutar XX tal-1 ta' Settembru 2009 (kopja annessa u mmarkata Dok C). Ta' min jinnota illi wara li sar l-imsemmi testment, wiehed mit-tfal tad-Decujus, XX, miet u gie sostitwit mit-tfal tieghu u, cioè, XX, XX u XX.*

*Illi fit-tielet lok, id-domanda li trid issir hija jekk wiehed jew wahda mill-eredi tad-Decujus jista' jew tista' tehles lill-bank esponenti mill-obbligu tas-sigriet professjonali minghajr l-involviment tal-werrieta l-ohra kollha.*

*Illi, fl-opinjoni tal-bank esponenti, dan ma jistax isir! Il-werrieta universali kollha flimkien jidhlu fiz-zarbun tal-mejjet jew mejta u mhux wiehed jew wahda.*

*Illi ta' min isemmi illi l-imsemmija werrieta dahlu fi ftehim dwar il-Kont fl-4 ta' Mejju 2022 (kopja annessa u mmarkata Dok D) fejn ftiehemu kif kellu jinqasam il-Kont. Imkien f'dan il-ftehim m'hemm indikazzjoni li wiehed jew wahda mill-werrieta kellu jew kellha d-dritt li j/titlob xi informazzjoni dwar il-Kont minghand il-bank esponenti.*

*Illi, inoltre, skont l-artikolu 946 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta):-*

*"Kull wiehed mill-werrieta hu maghdud successur wahdu u dirett fil-beni kollha li jaghmlu s-sehem tieghu, jew li messu lilu b'licitazzjoni, u jitqies li qatt ma kellu l-proprjetà tal-beni l-ohra tal-wirt."*

*Fl-opinjoni tal-bank esponenti dan l-artikolu jsahhah il-pozizzjoni tal-bank esponenti minhabba illi jitkellem fuq is-sehem tal-werriet, fil-kaz tal-ilmentatur, wiehed minn hamsa tal-Kont, u mhux il-Kont intier.*

*Illi fir-raba' lok, hemm min jargumenta illi l-werrieta kollh jidhlu fiz-zarbun tal-mejjet jew mejta minn dakinhar tal-ftuh tas-successjoni (ara artikolu 849 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u mhux qabel u, allura, skont dan l-argument, l-istess werrieta tad-Decujus ma ghandhomx id-dritt li jitolbu informazzjoni dwar il-Kont mill-bank esponenti ghal dak li jirrigwarda l-perjodu qabel il-mewt tad-Decujus. Però, f'dan il-kaz, il-bank esponenti ma jridx jadotta dan l-argument u lest illi jaghti l-informazzjoni mitluba bil-kunsens tal-werrieta kollha tad-Decujus jew fuq ordni ta' Qorti.'*[9]

**Process**

Il-process kien jikkonsisti f'dan:

- Seduta tat-18 ta' Settembru 2023 fejn gie pprezentat *Affidvait* tal-Ilmentatur.[10]

[9] P. 32 - 33
[10] P. 66 – 70 u dokumenti annessi p. 71 -75

- Seduta tal-24 t'Ottubru 2023 fejn l-HSBC qal li ma m'hemmx bzonn kontroezami dwar l-*Affidavit* tal-Ilmentatur izda innega li l-agir tal-HSBC kien skorrett u li applika l-ligi b'mod ingust u sproporzjonat.[11]

  F'din is-seduta, l-HSBC tella' bhala xhud lil Dr Stefan Grima, il-Kap tal-Ufficcju Legali tal-*Bank of Valleta* (BoV) biex dan jikkonferma li l-pozizzjoni tal-HSBC kienet konformi mal-prattika ta' banek ohra. Dr Stefan Grima fix-xhieda tieghu ikkonferma daqstant u qal li l-*BoV* jaghti informazzjoni lil kull eredi mill-punt tal-mewt tad-defunt 'il quddiem, izda ma jaghtix informazzjoni dwar l-operat ta' qabel il-mewt ghax dak kien marbut bis-sigriet professjonali li jista' jinhall biss jew bil-kunsens tal-eredi kollha jew permezz ta' ordni tal-Qorti.[12]

Wara din l-ahhar seduta, l-Arbitru talab lill-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet finali halli, mbaghad, ikun jista' jghaddi l-kaz ghall-analizi u d-decizjoni.

**Sottomissjonijiet finali tal-Ilmentatur**

Dawn gew imressqa fid-29 ta' Novembru 2023 u ssottomettew:

1. 'Illi l-ilmentatur ON, talab quddiem l-Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji, sabiex il-Bank provditur jghaddilu informazzjoni rigward il-kont mizmum minn ommu, XXX, fil-perijodu li dan seta' kien gestit minn terzi.
2. Illi fir-risposta tieghu ghal dan l-ilment, il-Bank provditur qed jitlob lill-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji li jichad it-talbiet tal-ilmentatur abbazi ta' zewg argumenti principali:

   (i) il-prassi bankarja imsejjsa fuq l-interpretazzjoni tad-dover tal-kunfidenzjalità skont l-artikolu 34(2) tal-Att dwar il-Kummerc Bankarju (Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta)

   (ii) is-sigriet professjonali wara l-mewt tad-*decujus*, is-Sinjura XXX.
3. Illi madanakollu il-Bank provditur ma jsibx oggezzjoni li tali informazzjoni mitluba mill-ilmentatur tigi pprovduta jew bil-kunsens tal-ko-eredi kollha jew inkella b'ordni tal-Qorti.

[11] P. 76
[12] P. 77 - 80

4. Illi fir-realtà, l-ebda wahda minn dawn l-alternattivi proposti mill-Bank ma tista' tipprovdi soluzzjoni ghall-ilmentatur esponenti, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

   (i) fl-ewwel lok, il-kunsens tal-ko-eredi kollha ma jistghax jingab u dan ghaliex zewg ko-eredi mill-hamsa qieghdin jipprivawh minn kwalunkwe informazzjoni dwar il-kont mizmum minn ommhom (Affidavit ta' ON). Maghdud ma' dan, jezisti suspett qawwi mill-ilmentatur kif ukoll minn ko-eredi ohra, illi sehhet mizapproprjazzjoni serja ta' fondi appartenenti ghall-massa ereditarja waqt hajjet id-*decujus*, is-Sinjura XXX. Jidher car ghalhekk illi dawn il-ko-eredi mhux biss m'ghandhom l-ebda interess li jaghtu l-kunsens taghhom ghal tali rilaxx ta' informazzjoni, izda, bil-kontra ghandhom l-ghan principali li jzommu tali informazzjoni mistura u okkultata;

   (ii) fit-tieni lok, talba ghal ordni gudizzjarja li tordna tali l-produzzjoni ta' tali dokumenti ma tistax issir u dan ghaliex, kif digà spjegat fl-ilmentipprezentat fid-9 ta' Mejju 2023, l-*actio ad exhibendum*, jigifieri azzjoni sabiex tintalab l-esebizzjoni ta' dokumenti li jkunu fil-pussess ta' haddiehor, kif prospettata mill-artikolu 637 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), tista' tintuza biss "*ghall-esebizzjoni ta' dokumenti pendente lite u bhala parti minn kawza ohra, u mhux bhala proceduri separati istitwiti biss ghall-iskop tal-produzzjoni ta' dokumenti*" (*Salv. Bezzina & Sons Limited (C 350) et v. L-Awtorita Marittima ta' Malta*, Prim'Awla Qorti Civili, 19 ta' Mejju 2014, Cit. Numru. 1069/2006).

5. Illi l-pern tal-kwistjoni ghalhekk jidher li hi l-fondatezza tal-argument tal-Bank provditur illi l-prassi bankarja u s-sigriet professjonali ghandhom jigu applikati fil-kaz odjern, fejn il-klijent in kwistjoni *mhuwhiex terz estraneju ghad-decujus*, izda wiehed mill-eredi legittimi tal-klijenta tal-Bank provditur u kwindi proprjetarju ta' sehem minn dawn il-beni.

6. Illi l-provi li ressaq il-Bank provditur, rapprezentati miz-zewg sentenzi ccitati fir-risposta ghall-ilment u x-xhieda tal-Kap tal-Ufficcju Legali tal-

*Bank of Valletta* li, it-tnejn li huma, jikkontradixxu, ghall-anqas parzjalment, il-pozizzjoni addottata mill-Bank provditur. Dan isahhah l-argument tal-ilmentatur illi l-interpretazzjoni moghtija mill-Bank ghad-doveri tieghu ta' segretezza u kunfidenzjalità hija palesement sproporzjonata u ingusta. Is-segwenti sezzjonijiet se jittrattaw iz-zewg elementi ta' prova migjuba fil-kors ta' dan l-ilment, senjatament: (i) l-interpretazzjoni tal-Qrati Maltin tad-dover ta' segretezza, u; (ii) x-xhieda tal-Kap tal-Ufficcju Legali tal-*Bank of Valletta.*

6.1 L-interpretazzjoni tal-Qrati Maltin tad-dover ta' segretezza tghid li*:*

*"werriet jista' jehles lill-Bank mis-sigriet professjonali partikolarment f'kontroversja bejn partijiet li jirreklamaw interess tramite l-istess decujus*".

6.1.1 Ghall-kuntrarju tal-impressjoni li jipprova jaghti fir-risposta tieghu l-Bank provditur, is-sentenzi tal-Qrati Maltin jidhru jaghtu aktar sostenn lill-argument tal-ilmentatur milli lill-argument tieghu. Fil-fatt, iz-zewg sentenzi citati, ossija *Christopher Brincat et v. Emanuela Caruana*[13] u *Robert Hornyold Strickland v. Allied Newspapers Limited u The Strickland Foundation*[14] jittrattaw zewg istanzi fejn is-sigriet professjonali kien qed jigi invokat sabiex informazzjoni dwar klijenti li kienu gew nieqsa tibqa' mistura. Madanakollu, iz-zewg sentenzi stabbilew il-principju illi s-sigriet professjonali ma jista' qatt jintuza kontra l-werriet, specjalment jekk iz-zamma ta' tali sigriet kienet tostakola t-tiftix tas-sewwa.

Fl-ispecifiku:
"*bhal ma l-klijent jista' jehles lill-avukat tieghu mis-sigriet professjonali, hekk ukoll jistal-werriet/a tal-klijent".*

Incidentalment, iz-zewg kawzi citati gew decizi favur l-eredi hekk kif fi *Brincat v. Caruana*, l-eredi thalliet tezenta lill-avukat ta' missierha mir-rabta tas-sigriet professjonali, u fi *Strickland v. Allied Newspapers Limited et*, l-eredi gie koncess id-dritt li jesigi l-produzzjoni ta'

[13] Qorti Civili (Prim'Awla), 28 ta' Frar 2013, Cit. Nru. 181/2009.

[14] Qorti tal-Appell, 31 ta' Jannar 2019, App. Nr. 1136/15 SM.

dokumenti mizmumin f'isem id-*decujus*, awtrici tat-titolu, mill-i*Strickland Foundation*.

6.1.2 Fuq kollox, però, iz-zewg sentenzi *Brincat v. Caruana* u *Strickland v. Allied Newspapers Limited et* il-Qorti sahansitra ghamlet taghha l-pronuncjament fis-sentenza ta' *Swidler & Berlin and James Hamilton v. United States*[15] li kienet iddecidiet illi:

> *"the only recognized exception in posthumous privilege cases is the testamentary exception.* ***This exception applies only when privileged communications are sought in a dispute between parties who claim an interest through the same decedent, either by testate or intestate succession or by an inter vivos transaction****. The justification for this exception is that often times* ***the decedent would have consented to disclosure in order to carry out his or her testamentary desires****". (enfasi mizjuda)*

6.1.3 Illi dan ifisser li gurisprudenza barranija, li l-Qrati Maltin ghamlu taghhom, tqis li tezisti eccezzjoni ghad-divulgazzjoni ta' informazzjoni wara l-mewt tal-klijent, u din ghandha topera proprju favur l-eredi li jkollhom tilwima bejniethom, u dan ezattament bhac-cirkostanzi tal-kaz odjern. Din l-eccezzjoni ssehh proprju ghaliex il-ligi tassumi illi tali divulgar ta' informazzjoni kien jigi permess mid-*decujus* sabiex ikunu jistghu jigu esegwiti x-xewqiet tieghu jew taghha.[16] L-assunzjoni maghmula f'din is-sentenza citata hi, fil-fatt, li d-*decujus* ma kienet qatt se tippermetti illi is-sigriet bankarju jispicca jintuza sabiex jostor

---

[15] 524 U.S. 399 (1998).

[16] Fil-kaz odjern, ir-rieda espressa tad-*decujus* kif espressa fit-testment taghha kien li l-patrimonju taghha jinqasam b'mod ugwali bejn il-hames ko-eredi fis-sehem ta' wiehed minn hames (1/5) partijiet indivizi kull wiehed, (ara Dok C anness mar-risposta tal-Bank provditur).

L-ilmentatur joggezzjona b'mod partikolari ghad-dikjarazzjoni tal-Kap tal-Ufficcju Legali tal-*Bank of Valletta* meta mistoqsi dwar l-obbligi tal-banek lejn il-klijenti taghhhom li jkunu gew nieqsa. Ix-xhud stqarr illi l-interessi ta' dawn tal-ahhar *"jistghu ikunu suggettivi"* ghax *"difficli biex tkun taf x'kien l-interess ta 'wiehed li huwa mejjet".* Dan ma setax kien aktar distanti mir-realtà u dan ghaliex it-testment iservi proprju l-funzjoni li jiddisponi bl-aktar mod car u inekwivoku dawk li jkunu x-xewqat ta' persuna qabel mewtha. L-ilmentatur jistaqsi li ladarba bis-successjoni tiskatta l-kontinwazzjoni tal-personalità tad-*decujus* fil-werrieta*,* ghaliex ghandu jkun il-Bank li jintrometti ruhu bejn il-mejjet u l-persuni li huwa stess ikun innomina sabiex ikomplu fil-godiment tal-patrimonju tieghu. Dan wara kollox, huwa l-ispirtu tas-sentenzi trattati taht il-punt 7.1 ta' din in-Nota, li huwa ben intiz li jipprevjeni pregudizzju ghall-interessi ta' klijenti li jigu nieqsa.

agir li seta’ mar kontra l-interessi taghha stess. Aktar importanti minn hekk, il-hsieb espress f’dan il-bran huwa kompletament kontrappost ghall-pozizzjoni addottata mill-Bank li qed jinsisti li jgib ruhu, fil-konfront ta’ ko-eredi tal-klijent defunt taghhom, bl-istess mod li dan igib ruhu fil-konfront ta’ terz kompletament estranju ghall-patrimonju tad-*decujus*.[17]

6.1.4 Illi filwaqt li, kif inghad, is-sentenzi tal-Qorti qed jindikaw li werrieta maqbudin f’kontroversja bejniethom jistghu jitolbu d-divulgar tal-informazzjoni, il-Bank provditur qed jinsisti illi eredi jehtieg necessarjament jottjeni l-kunsens tal-ko-eredi kollha sabiex tigi rrilaxxata informazzjoni dwar il-kont tad-*decujus*. Skont din l-interpretazzjoni tal-Bank provditur, huwa jidher li jaqbel li f’kaz li l-gestjoni tal-patrimonju tal-klijent defunt tkun giet fdata f’idejn terz li ma jkunx gie nominat werriet, il-werrieta ma jkollhom xejn xi jzommhom milli jiskrutinizzaw l-amministrazzjoni tal-kontijiet tad-*decujus* min-naha tieghu. Madanakollu, paradossalment, f’kaz li l-gestjoni tal-patrimonju tad-*decujus* tkun giet fdata lil wiehed mill-eredi stess, dan l-istess eredi jithalla, unilateralment, izomm tali skrutinju milli jsehh, possibilment ghal ragunijiet totalment dubjuzi u kuntrarji ghall-interessi tal-istess *decujus*. Johrog car ghalhekk li l-interpretazzjoni tas-sigriet bankarju skont il-Bank provditur qed tiddiskrimina bejn ko-eredi li jirtu patrimonju precedentement gestit minn terz u ko-eredi li jirtu patrimonju gestit precedentement minn wiehed jew uhud minn fosthom stess. Din l-interpretazzjoni assurda mhux talli taghti aktar rizalt lill-hsieb ta’ sentenzi barranin li gew abbraccjati mill-Qrati Maltin, izda talli tohrog b’mod aktar evidenti illi l-pozizzjoni tal-Bank provditur mhux qed isservi hlief biex tghatti ghemil suspettuz min-naha tal-ko-eredi fdati bil-gestjoni tal-

[17] Illi ghall-fini tal-ezawriment ta’ dan il-punt, id-dritt Malti digà jammetti illi ko-eredi wahdu jagixxi fl-interess tieghu proprju qua *ko-proprjetarju*, in difiza ta’ dritt mizjum mill-ko-proprjetarji kollha (*Lawrence Attard v. George Attard*, Qorti Civili (Prim Awla), 30 ta' Gunju 2011, Cit. Nr. 646/2004). F’din il-kawza fejn wiehed mill-ko-eredi prova jattakka kuntratt ta’ bejgh li sar minn missieru, id-*decujus*, il-konvenuti kienu ressqu l-eccezzjoni illi l-attur “*jista’ jitkellem biss fis-sehem li talvolta jista’ jispetta lilu minn missieru*”. Il-Qorti cahdet din l-eccezzjoni u ddecidiet illi: “*Però bil-mewt [tad-decujus], l-attur sar wiehed mill-eredi bid-dritt li jagixxi fl-interess tieghu proprio qua coproprjetarju tal-fond li nbiegh. Fil-fatt hekk jipprovdi espressament l-artikolu 428 tal-Kodici Civili Taljan.”*

patrimonju waqt hajjet il-klijent defunt u, indirettament, tinkoraggixxi dan it-tip ta' abbuz. Dan b'zieda tal-fatt li l-Bank ikun konxju mill-inugwaljanza li digà tkun tezisti bejn l-eredi minhabba l-fatt li filwaqt li wiehed jew uhud minnhom, li jkunu gew precedentement mahturin bhala mandatarji tal-klijent, ikollhom gharfien shih tad-dettalji finanzjarji tieghu, eredi ohra jibqghu kompletament fl-ghama.

Din hi sitwazzjoni li l-Bank provditur ma jistax jghid li mhux konxju taghha jew li mhux passivament komplici fiha.

6.2 Ix-xhieda tal-Kap tal-Ufficcju Legali tal-*Bank of Valletta* turi li *ma tezisti ebda prassi bankarja unita lokalment*:

6.2.1 Illi qabel xejn ghandu jinghad illi jekk l-intenzjoni tal-Bank provditur kienet li ttella' jixhed Bank kompetitur sabiex tipprova li tezisti prassi bankarja unita fil-pajjiz, ix-xhieda uriet kompletament il-kontra. It-tliet Banek involuti f'dan il-kaz fil-fatt jaddottaw tliet pozizzjonijiet differenti u dan b'turija tal-fatt li s-sitwazzjoni hi li kull Bank jithalla jinterpreta s-sigriet professjonali sal-limiti li jrid hu.

6.2.2 Illi jitkompla billi jinghad illi x-xhieda tal-Kap tal-Ufficcju Legali tal-*Bank of Valletta* esponiet kemm il-pozizzjoni addottata mill-Bank provditur hija fil-fatt sproporzjonata u ingusta komparata ma' dik ta' banek ohra stess. Skont ix-xhud prezentat mill-Bank provditur, il-*Bank of Valletta* jikkoncedi li werriet jista' awtonomament jitlob informazzjoni fuq il-kont tad-*decujus* u dan tal-anqas minn wara d-data tal-mewt tieghu jew taghha. Ix-xhud fil-fatt stqarr li:

"*il-werriet ghandu dritt ghall-informazzjoni mid-data tal-mewt 'il quddiem, kemm kien hemm bilanc u sakemm jispiccaw jittiehdu l-flus, nistghu naghtu l-istatements*", u

"*nghid li kull wiehed mill-werrieta ghandu d-dritt ghall informazzjoni* ***individwalment***"[18] (enfasi mizjuda).

L-ilmentatur ghandu x'jifhem li din il-pozizzjoni kellha, semmai, tirrapprezenta d-denominatur minimu komuni bejn l-ilmentatur u l-

[18] Verbal tas-seduta tal-24 t'Ottubru 2023, p. 4

Bank provditur u dan ghaliex il-mewt tad-*decujus* tirrapprezenta l-mument tal-fuzjoni tal-proprjetà tieghu ma' dik tal-eredi.

6.2.3. Madanakollu, l-ilmentatur mhuwhiex dispost li jaccetta l-pozizzjoni proposta mill-Kap tal-Ufficcju Legali tal-*Bank of Valletta* illi "*r-regola hija li l-ebda informazzjoni ma tinghata dwar tranzazzjonijiet qabel il-mewt hlief b'ordni ta' qorti jew entità kompetenti*" u dan ghar-raguni li werriet ghandu dejjem jassigura l-integrità tal-patrimonju li huwa jkun qed jiret, u dan skont dak spjegat aktar 'il fuq (ara l-punti maghmulin in precedenza taht is-sezzjoni 6.1.3 u 6.1.4).

6.2.4 Finalment, fir-rigward ta' dan il-punt, il-Bank provditur jaghmel referenza wkoll ghall-pozizzjoni tal-*Lombard Bank* illi "l-*eredi jidhlu fiz-zarbun tad-decujus wara l-mewt biss u mhux qabel"*.[19] Din il-veduta, però, hija palesement kontraddetta mis-sentenzi succitati li stqarru li "*bhal ma l-klijent jista' jehles lill-avukat tieghu mis-sigriet professjonali, hekk ukoll jistal-werriet/a tal-klijent"*.[20] Il-Bank provditur ghaldaqstant ma tantx jista' jsib konfort bil-fatt illi jezistu banek illi l-pozizzjoni taghhom tmur daqshekk grotteskament kontra l-ligi.

7. Illi, inoltre, letteratura internazzjonali twiddeb dwar l-abbuz tas-sigriet professjonali fis-sens li jekk il-kunfidenzjalità tithalla tikber lil hinn mill-applikazzjoni legittima taghha din tispicca tintuza sabiex, flok tissalvagwardja l-interessi tal-klijent kif intiza li taghmel, din tispicca sabiex bl-aktar mod pervers tintuza sabiex tipprotegi l-interessi tal-professjonist:[21]

"*Confidentiality, like all secrecy, can then cover up for and in turn lead to a great deal of error, injury, pathology, and abuse.*"[22]

7.1 Skont dan l-artikolu ccitat, dan l-abbuz tal-privilegg min-naha tal-professjonist, huwa riskju li ghalih huma esposti l-aktar nies

[19] Verbal tas-seduta tal-24 t'Ottubru 2023, p. 2

[20] *Strickland v. Allied Newspapers Limited et*

[21] "*The greatest burden of secrecy imposed by confidentiality, however, is that of the secrets professionals keep to protect themselves rather than patients and clients*" (Ibid, p. 29).

[22] Sissela Bok, "*The Limits of Confidentiality", The Hastings Center Report, Feb., 1983, Vol. 13, No. 1 (Feb., 1983), pp. 24-31.*

vulnerabbli, fosthom, il-morda u l-anzjani, u dan minhabba li l-abbuzi li jistghu isofru jispiccaw jigu okkultati proprju f'isem il-kunfidenzjalità. F'dawn il-kazijiet, il-kunfidenzjalità tispicca, paradossalment, tarka li tipprevjeni s-sejbien tal-hsara li l-klijent ikun garrab.[23] Ghalhekk il-kunfidenzjalità ma tista' qatt tithalla tintuza sabiex tikkontradixxi l-interessi tal-individwi li dan l-istess dmir qieghed hemm sabiex jipprotegi. U dan, jerga' jinghad, skont l-ispirtu tas-sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin.

7.2 L-ilmentatur jishaq illi dan japplika precizament fil-kaz odjern. Il-kunfidenzjalità invokata mill-Bank provditur mhux qed tigi uzata sabiex jigi salvagwardjat l-interess tal-klijenta li giet nieqsa, izda sabiex jevita li l-Bank jigi implikat fi proceduri eventwali ta' mizappropriazzjoni ta' fondi. Fil-fehma tal-ilmentatur, l-agir tal-Bank provditur jassumi aktar gravità meta l-Bank provditur jinsab ben konxju tal-incidenza gholja ta' abbuz finanzjarju fuq l-anzjani f'Malta[24] (ara Dok. E anness mal-ilment).

8. Illi finalment, in succint, l-ilmentatur jishaq illi huwa qieghed jigi ttrattat ingustament mill-Bank provditur u dan ghaliex filwaqt li l-interpretazzjoni tal-Qrati Maltin tad-dover ta' segretezza tghid li werriet jista' jehles lill-Bank mis-sigriet professjonali partikolarment f'kontroversja bejn partijiet li jirreklamaw interess tramite l-istess *decujus*, ix-xhieda tal-Kap tal-Ufficcju Legali tal-*Bank of Valletta* turi li ma tezisti ebda prassi bankarja unita lokalment. Ghall-kuntrarju, ix-xhieda harget li banek kompetituri tal-Bank provditur ma jsibu l-ebda diffikultà sabiex jirrilaxxjaw informazzjoni dwar id-*decujus* lill-eredi individwali mid-data tal-mewt tad-*decujus* 'il quddiem. Minkejja li l-ilmentatur xorta ma jqisx tali pozizzjoni bhala sufficjenti, partikolarment fid-dawl tas-sentenzi tal-Qrati Maltin, din hija certament turija tal-irragonevolezza tal-pozizzjoni tal-Bank provditur fil-konfront tieghu. L-ilmentatur isostni li c-cahda tal-informazzjoni mill-Bank

---

[23] *"That is the shield held forth to prevent outsiders from finding out about negligence, over-charging, unnecessary surgery, or institutionalization. … The word 'confidentiality' has by now become a means of covering up a multitude of questionable and often dangerous practices."* (*Ibid*, p. 30)

[24] Ufficjal gholi tal-istess Bank provditur gie kkwotat jistqarr illi: "*I was quite surprised to find that this Mediterranean island has a problem of what I believe is elderly abuse, where a number of elderly account holders appear to have been the victims of abuse, often by their own family members*".

provditur tirrapprezenta abbuz tas-sigriet professjonali illi qieghda biss isservi sabiex tghatti ghemil suspettuz min-naha tal-ko-eredi fdati bil-gestjoni tal-patrimonju waqt hajjet id-*decujus* u, dan kontra l-interessi ta' din tal-ahhar. Ghar-ragunijiet suesposti, l-ilmentatur jirribadixxi li din hi sitwazzjoni li l-Bank provditur ma jistax jghid li mhux konxju taghha jew li mhux passivament komplici fiha, u l-pozizzjoni tal-Bank provditur fil-konfront tieghu hija wahda li ghandha tigi redargwita mill-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji.'[25]

**Sottomissjonijiet finali tal-Provditur tas-Servizz**

Dawn gew imressqa fit-22 ta' Dicembru 2023 u ssottomettew:

'Illi filwaqt illi l-bank esponenti jaghmel riferenza u jikkonferma ir-risposta tieghuipprezentata fit-12 ta' Gunju 2023 u fuq ix-xhieda ipprezentati minnu matul il-proceduri ta' dan l-ilment, permezz ta' din in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva, l-istess bank esponenti ser jispjega ghaliex l-ilment sottomess mis-Sur ON m'ghandux jirnexxi u dan ghar-ragunijiet hawn taht imsemmija:-

Fl-ewwel lok, huwa principju assodat fid-dritt bankarju illi informazzjoni dwar kont bankarju, f'dan il kaz il-kont bankarju numru XXXXXX mal-bank esponenti f'isem XXX (XXX aktar 'l isfel imsejha "id-*Decujus*" u l-imsemmi kont bankarju aktar 'l isfel imsemmi "l-Kont") huwa kopert bis-sigriet professjonali. Dan johrog kemm mill-prassi bankarja, kif ukoll mill-artikolu 34(2) tal-Att dwar il-Kummerc Bankarju (Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jirrizulta wkoll illi l-imsemmi privilegg tas-sigriet professjonali wara l-mewt tad-*Decujus* sehh favur il-werrieta taghha.

Kuntrarju ghal dak li ntqal fil-paragrafu 6 tan-nota tal-ilmentatur, is-sentenzi citati fir-risposta tal-bank esponenti u x-xhieda tal-Kap tal-Ufficcju Legali tal-*Bank of Valletta p.l.c.,* ma jikkontradixxux il-pozizzjoni tal-bank esponenti, la parzjalment u lanqas mod iehor.

[25] P. 82 - 88

Jinghad ukoll illi l-ilmentatur, fil-paragrafu 6.1 tan-nota tieghu, isemmi l-interpretazzjoni tal-Qratin Maltin tad-dover ta' segretezza, però, ma jindika bl-ebda mod minn fejn harget din l-interpretazzjoni.

Fis-sentenza tal-Qorti Civili, Prim'Awla tat-28 ta' Frar 2013 fl-ismijiet *Christopher Brincat, Lara Scicluna u Karl-Joseph Brincat vs Emanuela Caruana* (kopja annessa mar-risposta tal-bank esponenti u mmarkata Dok A), li kienet provvediment moghti ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 wara verbal maghmul mill-avukati tal-atturi waqt is-smigh tat-12 ta' Frar, 2013, li bih opponew li tinghata x-xhieda mill-avukat Kenneth Grima, li kien tressaq biex jixhed bhala xhud tal-imharrka, u dan ghaliex l-istess xhud kien marbut bis-sigriet professjonali, liema rabta ma setghetx tinhall ladarba l-klijent tieghu kien miet; il-Qorti qalet illi "*Tqis ghalhekk li z-zamma tal-privilegg mahluq bis-sahha tar-rabta tas-sigriet professjonali fejn il-klijent ikun miet, tinftiehem li ssehh ukoll ghall-beneficcju ta' min jidhol fiz-zarbun legali tieghu*".

Il-Qorti qalet ukoll illi "*Tqis li, fil-kaz tal-lum, l-imharrka hija l-werrieta universali ta' Carmelo Brincat u hi digà stqarret li kienet qieghda tehles lill-avukat tieghu mir-rabta tas-sigriet professjonali*".

<u>Ta' min jinnota illi l-imharrka kienet l-unika werrieta universali u padruna assoluta tal-eredità ta' Carmelo Brincat u, ghaldaqstant, din is-sentenza ma tikkontradixxi bl-ebda mod il-pozizzjoni addottata mill-bank esponenti.</u>

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Jannar 2019, fl-ismijiet *Robert Hornyold Strickland v. Allied Newspapers Limited* u *The Strickland Foundation* (kopja annessa mar-risposta tal-bank esponenti u mmarkata Dok B), li kienet tittratta dwar appell imressaq mill-attur Robert Hornyold-Strickland minn provvediment moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Gunju, 2017, li bih u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, fost ohrajn, cahdet it-talba tieghu biex jithalla jressaq xi dokumenti minhabba li qalet li huma milquta bis-sigriet professjonali tal-avukat, il-Qorti tal-Appell ikkwotat is-*Civil Procedure Rules (The White Book)* §31.3.27 (pag. 566) tal-Ingilterra li jghidu illi "*privilege is not lost by the death of the client*".

Il-Qorti tal-Appell kompliet billi qalet illi "*Il-Qorti ghalhekk issib li d-dispozizzjoni tal-ligi dwar is-sigriet professjonali tghodd ukoll ghall-werriet tal-klijent tal-*

*avukat. U għaldaqstant, bħalma klijent jista' jeħles lill-avukat tiegħu mir-rabta tas-sigriet professjonali, hekk ukoll jista' l-werriet/a tal-klijent.*".

Ta' min jinnota illi anke f'dan il-każ l-appellant kien l-uniku werriet universali u padrun assolut tal-eredità ta' Mabel Strickland u, għaldaqstant, din is-sentenza wkoll ma tikkontradixxi bl-ebda mod il-pożizzjoni addottata mill-bank esponenti.

F'dawn iż-żewġ każijiet ikkwotati, il-Qrati Maltin kienu qed iħarsu lejn eredi universali wieħed/waħda – fejn is-sigriet professjonali ġie allura rikonoxxut li japplika u jestendi għall-eredi uniku/a u universali tad-*decujus*. Inoltre, filwaqt li l-Qratin Maltin ikkwotaw il-każ Amerikan ta' Hamilton mhux necessarjament għax kienu qed jaċċettaw li *the testamentary exception to survival of professional secrecy and confidentiality* tapplika għal kull wieħed/waħda mill-eredi. Jidher mill-*iter* tad-*decidere* tal-Qrati Maltin li dak li kien f'moħħhom kien biss li jaċċettaw li s-sigriet professjonali jestendi bil-mewt għall-eredi – mhux kif ser japplika fil-każ ta' eredità fejn id-*decujus* iħalli iktar minn eredi universali wieħed. Anke fil-każ ta' Hamilton stess, il-Qorti Amerikana sempliċiment tidher li rrikonoxxiet li hemm bżonn 'eccezzjoni testamentarja' fejn informazzjoni kunfidenzjali tista' tingħata iżda ma qalitx kif tista' tingħata meta hemm diversi eredi universali. Allura, jibqa' divattut jekk fil-fatt kull wieħed mill-eredi għandux dritt, indipendentement mill-eredi l-oħra, li jkollu aċċess għall-informazzjoni kunfidenzjali tad-*decujus*.

F'dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni kkwotata mill-ilmentatur fil-paragrafu 6.1.2 tan-nota tiegħu, jingħad illi l-istess eċċezzjoni għandha tapplika meta *the decedent would have consented to disclosure in order to carry out his or her testamentary desires.* Żgur illi kif ġie operat il-Kont tad-*Decujus* qabel il-mewt tagħha ma għandu x'jaqsam xejn mat-*testamentary desires* tad-*decujus*.

Fil-każ tagħna, is-sigriet professjonali tal-bank esponent inizjalment kien favur id-*Decujus* u mal-mewt tad-*Decujus*, l-istess privileġġ għadda favur il-werrieta universali u padruni assoluti tad-*Decujus*, u ċioè, l-ilmentatur flimkien ma' XX, XX, XX, XX, XX u XX, u dan permezz tat-testment fl-atti tan-Nutar XX tal-1 ta' Settembru 2009 (koppja annessa mar-risposta tal-bank esponenti u mmarkata Dok C). Ta' min jinnota illi wara li sar l-imsemmi testment, wieħed mit-tfal tad-*Decujus*, Joseph, miet u ġie sostitwit mit-tfal tiegħu, u ċioè, XX, XX u XX.

Illi fit-tielet lok, id-domanda li trid issir hija jekk wiehed jew wahda mill-eredi tad-*Decujus* jista' jew tista' tehles lill-bank esponenti mill-obbligu tas-sigriet professjonali minghajr l-involviment tal-werrieta l-ohra kollha.

Illi, fl-opinjoni tal-bank esponenti, dan ma jistax isir! Il-werrieta universali kollha flimkien jidhlu fiz-zarbun tal-mejjet jew mejta u mhux wiehed jew wahda.

Illi ta' min isemmi illi l-imsemmija werrieta dahlu fi ftehim dwar il-Kont fl-4 ta' Mejju 2022 (kopja anessa mar-risposta tal-bank esponenti u mmarkata Dok D) fejn ftiehemu kif kellu jinqasam il-Kont. Imkien f'dan il-ftehim m'hemm xi indikazzjoni li wiehed jew wahda mill-werrieta kellu jew kellha d-dritt li j/titlob xi informazzjoni dwar il-Kont minghand il-bank esponenti.

Illi, inoltre, skont l-artikolu 946 tal- Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta):-

*Kull wiehed mill-werrieta hu maghdud successur wahdu u dirett fil-beni kollha li jaghmlu s-sehem tieghu, jew li messu lilu b'licitazzjoni, u jitqies li qatt ma kellu l-proprjetà tal-beni l-ohra tal-wirt.*

Fl-opinjoni tal-bank esponenti, dan l-artikolu jsahhah il-pozizzjoni tal-bank esponenti minhabba illi jitkellem fuq is-sehem tal-werriet, fil-kaz tal-ilmentatur, wiehed minn hamsa tal-Kont, u mhux il-Kont intier.

Illi fir-raba' lok, dwar ix-xhieda tal-Kap tal-Ufficcju Legali tal-*Bank of Valletta p.l.c.,* u senjament dak miktub fil-paragrafu 6.2.2 tan-nota tal-ilmentatur, l-istess xhieda tghid b'mod car, illi l-*Bank of Valletta* jaghti informazzjoni lil wiehed jew wahda mill-eredi <u>mad-data tal-mewt 'il quddiem biss</u>.

Din hi prassi accettata anke mill-bank esponenti. Mhux maghruf meta u il-ghala l-ilmentatur qed jghid li gie rrifjutat din l-informazzjoni mill-bank esponenti. Di fatti, anke l-bank esponenti jaccetta li tinghata informazzjoni lil kull wiehed mill-eredi dwar il-bilanc tal-kont tad-*decujus* mill-mument tal-mewt sakemm isir is-*settlement*.

Fil-fatt, il-Kap tal-Ufficcju Legali tal-*Bank of Valletta p.l.c.* izid – "*Nghid li bhala principju, ahna, informazzjoni dwar il-kont qabel id-data tal-mewt tat-testatur – ta' min miet – ma naghtux lill-werrieta. Ma naghtux informazzjoni dwar tranzazzjonijiet li saru qabel il-mewt. Dik hija regola generali. Ir-raguni hija li l-*

*principju u l-pozizzjoni taghna, id-dritt ghall-informazzjoni tinkiseb mid-data tal-mewt 'il quddiem mhux qabel id-data tal-mewt."*

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, hemm min jargumenta (il-kap tal-ufficcju legali tal-*Lombark Bank Malta p.l.c.)* illi l-werrieta kollha jidhlu fiz-zarbun tal-mejjet jew mejta *minn dakinhar tal-ftuh tas-successjoni* (ara artikolu 849 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u mhux qabel u, allura, skont dan l-argument, l-istess werrieta tad-*Decujus* ma ghandhomx id-dritt li jitolbu informazzjoni dwar il-Kont mil-bank esponent ghal dak li jirrigwarda l-perjodu qabel il-mewt tad-*Decujus*. Però, f'dan il-kaz, il-bank esponenti ma jridx jaddotta dan l-argument u lest illi jaghti l-informazzjoni mitluba bil-kunsens tal-werrieta kollha tad-*Decujus* jew fuq ordni ta' Qorti.

Jinghad ulkoll illi l-principju msemmi mill-ilmentatur fil-paragrafu 7 tan-nota tieghu hu ben accettat u rikonoxxut mill-bank esponenti - u hu ghalhekk li l-bank esponenti ma jghidx li informazzjoni marbuta bil-kunfidenzjalità ma tista' qatt tinghata. Il-bank esponenti jaccetta li jsir skrutinju ta' din l-informazzjoni u tinghata meta jkun hemm ordni ta' Qorti jew entità kompetenti bil-ligi jew meta hemm il-kunsens tal-eredi kollha li flimkien jidhlu fiz-zarbun tad-*decujus*.

Dan kollu jfisser illi l-prattika tat-tliet banek imsemmija hija sostanzjalment l-istess. L-ebda bank ma jaghti informazzjoni dwar tranzazzjonijiet tal-assi tad-*decujus* qabel il-mewt tad-*decujus* hlief permezz ta' ordni ta' Qorti. Imbaghad, il-*Bank of Valletta* u l-bank esponenti jaghmlu eccezzjoni f'certi kazi u jaccettaw talba minghand <u>l-eredi kollha flimkien.</u> Il-*Lombard* jidher li ma jaghmel ebda eccezzjoni.

Ghaldaqstant, il-bank esponenti umilment jissottometti illi l-ilment imressaq mill-ilmentatur m'ghandux jintlaqa' minn dan l-Onorabbli Arbitru, bl-ispejjez kontra l-ilmentatur.'[26]

**Analizi u konsiderazzjoni**

L-Arbitru,

Wara li sema' lill-partijiet u ra l-atti kollha tal-kaz, jikkunsidra li:

---

[26] P. 91 - 94

Skont artiklu 19(3)(d) tal-Kap 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru hu dovut jittratta l-ilment b'mod gust, informali, ekonomiku u mhaffef u, b'hekk, skont artiklu 19(3)(b) jasal ghal decizjoni u jaghti gudizzju fuq ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, ikun gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.

**FIL-MERTU**

Id-dizgwid principali bejn il-partijiet huwa dwar jekk wiehed mill-ko-eredi wahdu, u minghajr il-kunsens tal-ko-eredi kollha, ghandux dritt ta' access ghal informazzjoni tal-kont tal-persuna defunta qabel il-mewt taghha.

Fil-process gie stabbilit b'mod car li l-qrati taghna dejjem qiesu bhala sagrosant id-dritt ghall-privatezza tal-persuna defunta qabel il-mewt u sostnew li dan id-dritt tal-privatezza jista' jinhall biss bil-permess tal-persuna defunta, u wara mewtha bil-permess tal-eredi kollha, li kollha flimkien jidhlu fiz-zarbun tal-persuna defunta rigward id-dritt tal-privatezza ghal tranzazzjonijiet qabel mewtha. Dan jista' jinkiser biss b'ordni specifika tal-Qorti skont artiklu 637 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ordni tinhareg biss jekk il-Qorti jkollha quddiemha kawza bejn il-partijiet (*pendente lite*) u ovvjament jekk il-Qorti tara gustifikazzjoni ghal hrug ta' ordni bhal din.

L-argument tal-Ilmentatur li huwa jehtieg il-provi dwar abbuz mill-uzu tal-prokura qabel jiftah kawza ghandu certu validità, izda mhux qawwi bizzejjed biex l-Arbitru johrog ordni biex ixellef id-dritt ta' privatezza tal-persuna defunta semplicemant fuq bazi spekulattiva ta' suspetti mhux ipprovati min-naha tal-Ilmentatur.

L-Arbitru jhoss li l-Ilmentatur flok jitlob minghandu dak li normalment jinghata mill-Qorti, li tista' tisma' anke x-xhieda ta' min qed jigi akkuzat, imissu l-ewwel b'mod ufficjali jitlob minghand il-ko-eredi l-informazzjoni li jidhirlu li ghandu dritt ghaliha. U, jekk ma jsibx ko-operazzjoni, allura, mbaghad, irid jara jekk is-suspetti li ghandu jikbrux bizzejjed biex jiftah kawza ghall-prezunt abbuz li permezz taghha jista' jikseb l-ordni mill-Qorti biex l-HSBC jaghti l-informazzjoni li qed jitlob.

L-Arbitru ma jhossx li huwa gust, ragonevoli u ekwu li huwa jizurpa d-dritt tal-Qorti li tohrog ordni ghal rilaxx ta' informazzjoni dwar l-operat tal-kont bankarju tal-persuna defunta matul hajjitha. Dan huwa dritt biss tal-Qorti li waqt kawza tisma' anke lill-ko-eredi li jkunu qed joggezzjonaw ghar-rilaxx ta' tali informazzjoni. B'hekk, il-Qorti waqt is-smigh tal-kawza tkun tista' tara hemmx lok, wara li tkun semghet liz-zewg nahat, li tohrog ordni biex it-tali informazzjoni tinghata lill-eredi kollha. Dan biex jigi stabbilit jekk il-prokura li tat id-defunta matul hajjitha gietx uzata sew skont il-ligi, jew gietx abbuzata kontra l-interess tad-defunta u tal-eredi taghha.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet digà spjegati, l-Arbitru qed jichad dan l-ilment u jordna li kull parti ggorr l-ispejjez taghha f'dan il-kaz.

**Alfred Mifsud**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

__**Nota ta' Informazzjoni relatata mad-Decizjoni tal-Arbitru**__

*Dritt ta' Appell*

Id-Decizjoni tal-Arbitru legalment torbot lill-partijiet, hlief ghad-dritt t'appell regolat bl-artikolu 27 tal-Att Dwar l-Arbitru Ghas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555) ('l-Att'), maghmul quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fi zmien 20 (ghoxrin) gurnata mid-data tan-notifika tad-Decizjoni jew, fil-kaz li ssir talba ghal kjarifika jew korrezzjoni tad-Decizjoni skont artikolu 26(4) tal-Att, mid-data tan-notifika ta' dik l-interpretazzjoni jew il-kjarifika jew il-korrezzjoni hekk kif provdut taht l-artikolu 27(3) tal-Att.

Kull talba ghal kjarifika tal-kumpens jew talba ghall-korrezzjoni ta’ xi zbalji fil-komputazzjoni jew klerikali jew zbalji tipografici jew zbalji simili mitluba skont artikolu 26(4) tal-Att, ghandhom ikunu maghmula mal-Arbitru, b’notifika lill-parti l-ohra, fi zmien 15 (hmistax)-il gurnata min-notifika tad-Decizjoni skont l-artikolu msemmi.

Skont il-prattika stabbilita, d-Decizjoni tal-Arbitru tkun tidher fis-sit elettroniku tal-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji wara li jiskadi l-perjodu tal-appell. Dettalji personali tal-ilmentatur/i jkunu anonimizzati skont artikolu 11(1)(f) tal-Att.